MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 97/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt. Lawrence Cutajar**
**Spett. Morgan Azzopardi)**

**Vs**

**Claire Cassar**

**Audine Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra:

L-imputati Claire Cassar ta’ 27 sena, mart Anton, bint Raymond u Joan nee’ Micallef, imwielda Pieta’ u residenti ‘Libra’, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, karta numru ta’ identita’ 455574 (M) ;

u Audine Vassallo ta’ 25 sena, bint Raymond u Joan nee’

Micallef, mart Emanuel, imwielda Pieta’ u residenti ‘DieciAgosto’, Triq F.X. Attard, Zabbar, ta’ karta ta’ identita’ numru 488276 (M),

Akkuzati talli:

1. Ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ Emmanuela sive Lilian Grech, bhala persuna ta’ wahda inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qieghdha taghmel jew minhabba li ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuha jew li jinfluwixxu fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. Attakkaw jjew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Emmanuela sive Lilian Grech, bhala persuna inkarigata skond il-ligi minn sevizz pubbliku, waqt li kienet qeghdha tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita’ kompetenti;

3. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Emmanuela sive Lilian Grech, kontra l-volonta’ taghha;

4. Kkagunaw offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Emmanuela sive Lilian Grech, liema offiza hija ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. A. Xuereb mill-Paola Health Centre;

5. Uzaw forza attiva kontra Emmanuela, sive Lilian Grech, minghajr ma kkagunaw ebda feriti;

6. Kkawzaw ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, glied jew mod iehor.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema' sommarjament.

Rat li l-imputati ma opponewx;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat ukoll in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet u l-parte civile.

Ikkonsidrat:

Il-fatti certi huma li (a) l-kwerelanta, Emmanuela Grech, hija ghalliema fl-iskola primarja tal-Gvern, ossija dik ta' A.Santa Klara ta' Haz-Zabbar; (b) li l-imsemmija kwerelanta, fost it-tfal li tghallem, kellha lil certu Dion ta' hames snin; (c) li dan it-tfajjel jigi bin l-imputata Audine Vassallo; (d) li l-imputati huma ahwa u fil-gurnata, hin u lok in kwistjoni kienu fejn l-iskola fejn kienu akkompanjaw lit-tfajjel.

Ghal dak li hu l-incident proprju jirrisulta li l-gurnata ta' qabel waqt li t-tfal kienu hergin mill-iskola l-imsemmi Dion ittanta jikser il-fila u gie imwaqqaf mill-kwerelanta li wissietu biex joqghod f'postu sakem jissejjah ismu. Dan, ghandu jigi puntwalizzat, gara' gewwa l-iskola u hawnhekk l-kwerelanta kienet wahda mill-persuni li kellha l-kompitu tissorvelja t-tfal.

Milli jidher omm it-tifel, l-imputata Audine Vassalo, hassitha urtata bl-agir tal-imputata versu bintha. A skanz ta' kull ekwivoku ghandu jig kjarit li t-twissja kienet biss verbali.

Dik in-nhar ma jirrizultax li kien hemm xi incidenti izda jidher li l-imputata Audine Vassallo baqghet thewden u l-ghada wara li kienet hadet lill-bintha l-iskola lemhet lill-kwerelanta gejja bil-pass ghall-iskola u ippuntat tkellimha dwar li kien gara' l-gurnata ta' qabel. Kien proprju f'dan il-hin waqt li Vassallo kienet fejn il-kwerelanta li intromettiet l-imputata l-ohra u 'ex admissis' hatfet lill-kwerelanta minn xaghrha.

Illi, mill-kumpless tal-provi, jirrisulta li kienet biss l-imputata Claire Cassar li refghet idejha fuq l-ghalliema.

Illi l-akkuzi jikkontemplaw l-ksur ta' l-Artikoli 95,96, 86 u 308 (dd).

Il-Qorti, wara li qieset ix-xhieda fl-assiem taghha, hi tal-fehma li fl-ewwel lok ma tirriskontrax l-komplicita' u wisq inqas il-partecipazzjoni ta' Vassallo fis-sens tal-akkuzi; fit-tieni lok tara pero' li l-imputata Claire Cassar ghandha tirrispondi ghall-ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 billi dan jirrisulta u xejn mhi rilevanti r-raguni ghaliex kellha tirtrometti ruhha u di piu' taggredixxi lill-ghalliema.

Jinghad dan pero' hi l-fehma tal-Qorti li fil-kofront ta' din l-imputata ma jirrikorrux l-elementi biex issibha wkoll hatja taht l-Artikolu 96, u f'kull kaz lanqas taht l-Artikolu 86 u/jew l-Artikolu 308 (dd) stante illi s-sekwestru ta' persuna hu assolutament eskluz mill-fatti, u fl-ebda mument l-incident ma ikkreja jew seta' jikkreja dik l-apprensjoni ghall-inkolumita' ta' terzi jew proprjeta' taghhom.

Tiddeciedi ghaldaqstant li , filwaqt li tillibera lill-imputata Audine Vassallo minn kull htija u piena, issib l-imputata Claire Cassar hatja tal-ewwel imputazzjoni.

Rat l-Artikolu 95 u tikkundannaha LM 50 multa. Tilliberaha invece mill-akkuzi l-ohra.

--------------------------------TMIEM--------------------------------